**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XXXI**
**Appell Nru: 50/2000**

**Il-Pulizija (Seduta tad-distrett ta'Rahal Gdid)**

**Vs**

**ANTOINE CUTAJAR**

**Illum, 16 ta'Marzu, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha Antoine Cutajar tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali w akkuzat talli fl-1 ta'Jannar, 2000, fil-Fgura, ghal habta tat-3.00 p.m., hebb ghal martu Antonia Cutajar u kkagunalha feriti ta'natura hafifa skond kif iccertifika Dr. C. Fava mill-Paola Health Centre.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fid-29 ta'Frar, 2000, li biha sabet lill-Antoine Cutajar hati ta' dawn l-akkuzi w lliberatu ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat fi zmien hmistax il-gurnata, kif ukoll rabtitu sabiex bl-ebda mod ma jimmolesta lill-martu Antonia Cutajar taht penali ta'Lm100 ghal zmien sena.

Rat ir-rikors t'appell ta'Antoine Cutajar datat 9 ta'Marzu, 2000, li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati w tilliberah minn kull piena w htija.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda, rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-ilment ta' l-appellant huwa, skond hu, li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib htija fih peress li l-provi tal-prosekuzzjoni ma kienux b'sahhithom bizzejjed li jwasslu sal-grad rikest mill-ligi biex tigi dikjarata htija, u stante li kien hemm konflitt fil-provi mressqa.

L-appellant huwa skorrett. Din il-Qorti semghet il-provi mill-gdid, u ghalkemm l-unika xhud tal-prosekuzzjoni hija mart l-appellant, dan ma jfissirx necessarjament li ghaliex l-appellant jichad dak li qed tghid martu, allura hemm bilfors konflitt ta'provi. Xhud wiehed, jekk emnut sal-grad tal-konvinciment morali, huwa bizzejjed sabiex il-Qorti ssib u tiddikjara htija.

Dak hu preciz li gara f'dan il-kaz. L-ewwel Qorti, mill-apprezzament tal-provi li ghamlet, dehrilha li kellha taccetta l-verzjoni tal-fatti kif esposti minn mart l-appellant, u twarrab dik tieghu. Kien apprezzament tal-provi maghmul skond il-ligi li, in bazi tieghu, dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tiddeciedi kif iddecidiet. Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni valida legalment sabiex tvarja xi haga minn dak li ghamlet u ddecidiet l-ewwel Qorti.

Ghal din ir-raguni, filwaqt li kull aggravju ta' l-appellant huwa respint, il-Qorti qed tichad l-appell tieghu w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur